# Dun Amadeo Bonello (Dun Madè) 1881-1950

minn John Bisazza



Amadeo Bonello twieled il-Belt Valletta fl-1881. Kien tifel pjuttost mistħi u ta' għalih waħdu; minn kmieni beda juri x-xewqa tiegħu li jħaddan is-saċerdozju, xewqa li twettqet fis-sena 1907, meta ngħata l-Ordni Sagri fil-21 ta' Diċembru tal-istess sena.

Ġie mibgħut bħala Viċi tal-Kappillan Manchè, meta Stella Maris kienet l-unika parroċċa f'Tas-Sliema u l-konfini tagħha kienu mifruxa mhux ftit. Mill-ewwel intefa' għax-xogħol pastorali. In-nies malajr inġibdet lejh għall-kariżma tiegħu u għall-ispiritwalità profonda tiegħu. *Dun Made'*, kif beda jissejjaħ min-nies, kont issibu dejjem fil-Knisja; għalih ma kinux jeżistu vaganzi; ġurnata wara l-oħra kont issibu fil-konfessjonarju; kien iwarrab biss biex jassisti l-moribondi jew biex joħroġ iqarben lill-morda, ikun xi jkun it-temp. Meta marad il-kappillan Manchè sa meta miet fl-1918, serva bħala viċi-kurat. Fl-1919 laħaq kappillan Dun Rafel Capurro u *Dun Made'* kompla bil-ħidma tiegħu fi żmien meta Tas-Sliema bdiet tikber. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija l-iskola tal-gvern kienet bdiet isservi bħala sptar biex tilqa' lis-suldati midruba. Kont issibu jterraq mill-Knisja għall-isptar jamministra s-sagramenti u jfarraġ lil dawk l-imsejkna bit-tbissima tipika tiegħu. Fil-ħarġa tal-gazzetta The Daily Malta Chronicle tas-6 ta'April 1916 ġie mfaħħar l-appostolat ta' Dun Amadeo; fost oħrajn insibu miktub ...*the frequent visits of the Sliema cleric Fr Amadeo is a source of*

*consolation to the patients at St John's Hospital* (l-isem li ngħatat l-iskola meta nbidlet fi sptar matul il-gwerra) *irrespective of their denomination...*

Kien hemm xi żmien meta b'ordni tal-Isqof, il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja kienet tinżamm magħluqa, minbarra għaċ-ċelebrazzjoni ta' xi żwiġijiet. Fl-1921, it-twajjeb Dun Amadeo, bl-appoġġ tal-kappillan, ħa l-kappella f'idejh u istitwixxa l-Adorazzjoni Ewkaristika fil-Ħdud ta' matul is-sena. Din id-drawwa sabiħa daż-żmien qed tinżamm kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu.

Il-karattru altruwista tiegħu abbinat mas-sens ta' ċaħda u sagrifiċċju kien rifless fil-fatt li nhar ta' Ħadd kien iqaddes il-quddiesa ta' nofsinhar, meta wieħed kien irid ikun ilu sajjem biex jitqarben sa min-nofsillejl ta' qabel. Meta xi saċerdot iżgħar fl-età kien joffrilu biex iqaddes ta' nofsinhar minfloku, hu qatt m'aċċetta, u dan baqa' jagħmlu wkoll meta saħħtu bdiet sejra lura.

Il-ftit ħin liberu li kien ikollu kien jgħaddih fil-qari spiritwali u tal-gazzetta uffiċjali tal-Vatikan, *l'Osservatore Romano,* li kienet iżżommu aġġornat bit-tagħlim tal-papiet. Kien jammira ħafna lill-Papa San Piju X, magħruf bħala l-Papa tal-Ewkaristija, u li forsi kien ġie influwenzat minnu biex jieħu l-inizzjattiva msemmija iktar 'il fuq fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja.

Fi Frar 1942, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, laħaq bħala t-tielet Kappillan Dun Ġużepp Inguanez, fejn sab lil *Dun Madè* ta' għajnuna kbira, l-iżjed fejn kien jikkonċerna lil dawk il-parruċċani li kienu jinstabu f'xi tbatija minħabba xi traġedja familjari kkaġunata minn dawk iż-żminijiet ta' ġuħ u biża'. Kmieni wara nofsinhar tal-1 ta' Marzu 1942, il-Knisja ntlaqtet waqt attakk mill-ajru. F'dak il-ħin Dun Amadeo kien fis-sagristija ma' xi abbatini; ta' saċerdot erojku li kien u bla biża' li seta' jintradam taħt il-ġebel li kien għadu nieżel mill-koppla, ħataf is-Sagrament u ġera biH lejn il-Kappella tal-Grazzja. Meta l-korrispondent tat-*Times of Malta,* J.F. Hudson, irrapporta dwar dak li ġara, fost ħwejjeġ oħra kiteb hekk: *I met the aged deacon amidst the dust and ruins of the High Altar. In his arms was clutched the pyx which contained the Blessed Sacrament. It was a poignant moment as he was helped out across the piles of fallen masonry...*

Minkejja li saħħtu kienet bdiet sejra lura, Dun Amadeo baqa' jaqdi dmiru kif seta', saħansitra kien jgħin lill-kappillan Inguanez fit-tberik tal-familji, sal-aħħar tas-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor. Wara ħajja li matulha serva ta' Viċi-Parroku ta' tliet kappillani għal 43 sena sħaħ, Dun Amadeo miet fil-11 ta' Ġunju 1950 fid-dar tiegħu fi Triq Annunzjata – il-Parroċċa ta' Stella Maris kienet tilfet qassis ta' tjubija u ħlewwa liema bħalha li f'ħajtu ħadem b'ħeġġa kbira għall-ġid tal-erwieħ.